---

15 ta' Diċembru, 1947.

Is-S.T.O. Sir G. Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *President.*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Francesca Manchè *versus* Antonio Bartolo

**Assoċjazzjoni in Partiċipazzjoni — Soċjetà Irregolari — "Socio Dormiente" — Stat ta' Komunjoni — Preskrizzjoni — Rinunzja — Art. 166 u 136 (1) tal-Kodiċi tal-Kummerċ, u art. 2261 (f) tal-Kodiċi Ċivili.**

*L-assoċjazzjoni in partiċipazzjoni għandha bħala oġġett operazzjonijiet waħda jew iżjed, tal-kummerċ, speċjali jew determinati; u għalhekk ma jistax jingħad li hemm assoċjazzjoni in partiċipazzjoni meta s-soċi jkunu jeżerċitaw il-kummerċ in ġenerali, għalkemm relativ għal ċertu ġeneru, f'ħanut miftuħ għall-publiku.*

*Barra minn dan, fl-assoċjazzjoni in partiċipazzjoni jrid ikun hemm soċju wieħed biss li jidher quddiem it-terzi, mentri l-oħrajn ikunu s-"soci dormienti", u t-terzi jkunu jafu biss lil dak li jidher quddiemhom.*

*Fin-nuqqas ta' dawn l-elementi, bejn il-partijiet ikun hemm soċjetà irregolari, u mhux assoċjazzjoni in partiċipazzjoni.*

*Fis-soċjetà irregolari jeżisti bejn il-partijiet stat ta' komunjoni, li għal-kemm ma jagħtix lis-soċi l-azzjonijiet soċjali, jagħtihom però l-azzjonijiet li joħorġu minn dak l-istat għall-imgħoddi, fosthom dik għal-likwidazzjoni u diviżjoni tal-profitti.*

*Il-preskrizzjoni ta' din l-azzjoni hija ta' ħames snin mill-ġurnata tax-xoljiment tas-soċjetà; u ma tistax tittieħed bħala rinunzjata xo-kemm ma jirriżultax li min għandu dik il-preskrizzjoni favur tie-għu kellu l-intenzjoni jirrinunzja għaliha, jew li huwa uża xi es-pressjonijiet li jfissru b'mod mhux ekwivoku li huwa jrid jirrinun-zja għal dik il-preskrizzjoni.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attriċi quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu r-Re, fejn ippremettiet li f'Ottubru 1936 saret bejn il-kontendenti assoċjazzjoni li kellha bħala oġġett il-manifattura u l-bejgħ ta' lbies u oġġetti oħra tal-moda u bħala sede l-post nru. 23, Zachary Street, Valletta, taħt l-isem 'Roberta'', u fiha l-konvenut kien [illegible] kapitalista u l-attriċi kellha tikkonferixxi l-kapaċità tagħha, u li wara tliet snin xogħol il-konvenut għalaq in-negozju u in segwitu siefer, mingħajr ma ta lill-attriċi ebda sodisfazzjon tal-qliegħ li kien sar; u talbet li, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti meħtieġa, (1) jiġu likwidati l-attiv u l-passiv ta' l-imsemmija assoċjazzjoni; (2) issir id-diviżjoni tal-profitti netti li jirriżultaw f'żewġ porzjonijiet indaqs, li minnhom waħda tiġi assenjata lill-attriċi u l-oħra lill-konvenut; u (3) il-konvenut jiġi kundannat jirrendi lill-attriċi, f'żmien qasir u perentorju, kont fidil u eżatt ta' l-eżerċizzju soċjali u jekk jonqos l-attriċi tkun ammessa tiddetermina b'ġurament is-somma lilha dovuta. B'riżerva ta' drittijiet oħra, bl-imgħaxx kummerċjali, u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandat ta' l-impediment tas-safar tal-20 ta' Diċembru 1946;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu r-Re tal-15 ta' Lulju 1947, fejn laqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' ħames snin u għalhekk ċaħdet it-talba, bl-ispejjeż; wara li kkunsidrat;

Illi kien hemm bejn il-partijiet assoċjazzjoni in parteċipazzjoni illi ntħolqot fis-sena 1937, u fis-sena 1939 il-konvenut siefer u ħalla kollox warajh f'idejn l-attriċi, li żammet għandha l-kotba u n-negozju bil-merkanzija kollha li kien hemm ġo fih; u minn dak iż-żmien 'il hawn il-konvenut ma ndaħalx fin-negozju, u għalhekk meta saret iċ-ċitazzjoni kienu għaddew iżjed minn ħames snin minn mindu l-konvenut kien reħa kollox u ma ħa ebda sehem iżjed fl-amministrazzjoni ta' l-azjenda, u għalhekk l-azzjoni tar-rendikont tinsab milquta bil-preskrizzjoni skond l-art. 2262 tal-Kodiċi Ċivili;

Illi rriżulta mix-xhieda ta' l-attriċi illi qabel il-gwerra n-negozju spiċċa fix-xejn, għaliex minħabba d-dejn ġiet maqbuda l-merkanzija tan-negozju, saret subasta, inbiegħ kollox, u n-negozju għalaq.............;

Illi kif irriteniet l-Ewwel Qorti in re "Azzopardi utrinque" fit-30 ta 'Novembru 1925, dik hija l-preskrizzjoni applikabili għal likwidazzjoni soċjali u kanonizzazzjoni tal-bilanċ konsegwenzjali (Kollez. Vol. XXVI-III-602) skond l-art. 2261 tal-Kodiċi Ċivili;

Illi minn mindu bdiet il-kawża kien hemm iżjed minn ħames snin; illi mill-espressjoni użata mill-konvenut illi huwa ma rrinunzjax għad-drittijiet tiegħu riżultati mill-likwidazzjoni ma tista' tinġibed ebda rinunzja;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attriċi u l-petizzjoni tagħha, fejn talbet illi dik is-sentenza tiġi revokata, billi tiġi respinta l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u għalhekk il-kawża tiġi rinvijata quddiem l-Ewwel Qorti; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi għalkemm l-attriċi fiċ-ċitazzjoni tagħha ġiebet 'il quddiem illi bejn il-partijiet kien hemm assoċjazzjoni in parteċipazzjoni, u għalhekk l-Ewwel Qorti bbażat is-sentenza tagħha fuq dik il-premessa ta' l-istess attriċi, din fil-petizzjoni qiegħda tgħid illi ma kienx hemm assoċjazzjoni, iżda soċjetà irregolari. Għalhekk huwa meħtieġ illi qabel xejn jiġi definit x'rapport ġuridiku kien hemm bejn iż-żewġ partijiet;

L-artikolu 166 tal-Kodiċi tal-Kummerċ jiddefinixxi l-assoċjazzjoni in partiċipazzjoni bħala dik li għandha bħala oġġett operazzjoni waħda jew iżjed tal-kummerċ, speċjali u determinati, u għalhekk hemm bżonn illi dik l-assoċjazzjoni tkun determinata u jkollha l-oġġett tagħha f'ambitu limitat ta' operazzjoni waħda tal-kummerċ, jew anki diversi operazzjonijiet tal-kummerċ, imma speċjali u determinati; mentri fil-każ preżenti ma jidherx li kien hekk, iżda dan il-kummerċ tal-kontendenti kellu bħala oġġett il-kummerċ in ġenerali, b'ħanut miftuħ għal dak il-kummerċ, għalkemm kien ta' ċertu ġeneru relativ għall-ħwejjeġ. Imbagħad huwa wieħed mill-elementi ta' l-assoċjazzjoni illi mentri soċju jkun qiegħed jidher quddiem il-klijenti u l-publiku in ġenerali, l-ieħor ma jkunx jidher, u għalhekk huwa msejjaħ is-soċju "dormjenti", għalkemm ikun qiegħed jgħin lis-soċju l-ieħor, sew per mezz tal-kapitali tiegħu, sew anki jekk iżomm il-kotba, iżda t-terzi jkunu jafu biss dak is-soċju li jkun qiegħed jidher quddiemhom. Dan ma jidhirx li kien il-każ; għaliex għalkemm l-attriċi kienet dik li kienet tbiegħ u tittratta mal-klijenti, iżda ma jistax jingħad mill-provi illi l-figura tal-konvenut kienet dik tas-soċju dormjenti. Għalhekk il-figura ġuridika hija dik ta' soċjetà irregolari.

Tikkunsidra;

Illi l-kwistjoni li għandha quddiemha l-Qorti hija unikament dik tal-preskrizzjoni, u mhux dik jekk hemmx azzjoni, u f'każ affermativ x'azzjoni hemm, fil-każ ta' soċjetà irregolari; iżda biex tkun trattata l-kwistjoni tal-preskrizzjoni huwa meħtieġ ukoll li dik il-kwistjoni tiġi kunsidrata. Infatti hija liġi espressa fis-soċjetajiet illi s-soċi, sakemm huma ma jottemperawx għar-regoli preskritti mill-liġi għall-pubblikazzjoni tassoċjetà, l-ebda soċju ma jista' jkollu azzjoni kontra ieħor (art. 136 (1) tal-Kodiċi Kummerċjali) Iżda ġie kostantement deċiż, sew minn din il-Qorti kemm mill-Qorti tal-Kummerċ, illi għalkemm ma jkunx hemm l-iskrittura u l-publikazzjoni stabbiliti fil-liġi, u għalkemm hemm dik id-dispożizzjoni tal-liġi, is-soċju jkollu għall-imgħoddi d-drittijiet kollha li joħorġu mill-istat tal-komunjoni, għaliex mhux ekwu u ġust illi min kellu f'idejh

l-affarijiet, u kien ħati bħal oħrajn ta' l-inosservanza tal-liġi, jibqa' sejjer b'kollox (ara sentenza ta' din il-Qorti in re "Darmanin vs. Mirabelli" tat-22 ta' Frar 1878, Kollez. Vol. VIII, p. 450; sentenza Kumm. in re "Galea vs. Borg" tat-23 ta' Ġunju 1894, Kollez. Vol. XIV, p, 339; Kumm. "Azzopardi utrinque" 6 ta' Mejju 1902, Kollez. Vol. XVIII-III-99; Kumm. "Farrugia vs. Borda" tat-3 ta' Marzu 1906, konfermata minn dina l-Qorti fl-4 ta 'April 1906; u in re "Mula vs. Zahra", Kumm. 30 ta' Ottubru 1906, konfermata minn dina l-Qorti fit-30 ta' Ġunju 1907);

Tikkunsidra;

Illi l-kwistjoni preżenti, kif intqal iżjed 'il fuq, tmiss però l-preskrizzjoni, u t-talbiet huma (1) likwidazzjoni ta' dik is-soċjetà, (2) id-diviżjoni tal-profitti netti f'żewġ porzjonijiet, u (3) kundanna għar-reża tal-kontijiet da parti tal-konvenut. Apparti l-kwistjoni jekk la darba hemm it-talba għal-likwidazzjoni, jistax fl-istess żmien ikun hemm ukoll talba għar-reża tal-kontijiet, huwa ċar illi skond il-liġi l-preskrizzjoni għal din l-aħħar talba hija dik ta' 5 snin, kif jidher mill-art. 2262 tal-Kodiċi Ċivili (antik 1921), fejn jingħad illi dik l-azzjoni tiġi preskritta fi żmien ħames snin kontra kwalunkwe amministratur; u kif jidher mill-provi u mill-att taċ-ċitazzjoni stess, il-konvenut kien iżomm il-kotba u donnu kien l-amministratur, alhuenu skond il-pretensjoni ta' l-attriċi, ta' din is-soċjetà;

Tikkunsidra;

Illi fuq it-talba l-oħra, dik tal-likwidazzjoni, hija pre-ordinata għal dik tad-diviżjoni tal-profitti netti; u għalhekk, biex il-konvenut ikun obligat jagħti parti minn dawk il-profitti illi jiġu hekk likwidati, u li, skond il-pretensjoni dejjem ta' l-attriċi, qegħdin f'idejn l-istess konvenut; u għalhekk dan huwa dirett għar-riżultat finali, biex il-konvenut iħallas dawk il-profitti, għalkemm għad iridu jiġu likwidati. Kif tajjeb irriteniet l-Ewwel Qorti, dan jaqa' taħt id-dispożizzjoni ta' l-art. 2261 tal-Kodiċi Ċivili, ittra (f), fejn hemm espressament indikat illi hemm il-preskrizzjoni ta' ħames snin għall-ħlas ta' kull kreditu li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, jekk il-kreditu ma jaqax taħt preskrizzjoni aqsar jew ma

jirriżultax minn att publiku. Veru huwa li l-attriċi mhijiex qiegħda titlob kontra l-konvenut il-ħlas ta' ebda kreditu, iżda r-riżultat finali jasal għal dak illi l-konvenut, b'dik id-diviżjoni tal-profitti, għandu neċessarjament ikun kundannat jagħti lill-attriċi dik is-somma ta' profitti li tirriżulta eventwalment favur tagħha; u allura jiġi illi l-konvenut ikun obligat iħallas dak il-kreditu għalkemm għaddew il-ħames snin;

Tikkunsidra;

Illi ż-żmien ta' ħames snin mill-ġurnata tax-xoljiment ta' dik is-soċjetà jidher ċar, kif tajjeb irriteniet l-Ewwel Qorti, u kif del resto, huwa ammess fiċ-ċitazzjoni stess;

Tikkunsidra;

Illi l-appellanti ssottomettiet illi l-azzjoni "de comuni dividundo" taqa' taħt il-preskrizzjoni ta' tletin sena, jekk ma hijiex impreskrittibili; dana huwa veru għall-futur, fis-sens illi jekk il-kontendenti, ex-soċji f'soċjetà irregolari, għandhom oġġetti li kienu oġġetti ta' dik is-soċjetà, ċertament dawk l-oġġetti, jekk għadhom jeżistu, baqgħu tat-tnejn minħabba l-komunjoni, u allura l-attriċi għandha dritt għas-sehem tagħha minn dawk l-oġġetti; iżda l-azzjoni preżenti mhix qiegħda tillimita għal dan, imma għandha bħala oġġett sempliċement id-diviżjoni tal-profitti; u għalhekk jiġu riżervati favur l-attriċi l-azzjonijiet li jistgħu eventwalment joħorġu mill-istat tal-komunjoni "si et quatenus", anki kontra l-istess konvenut;

Tikkunsidra;

Illi barra minn dan, l-appellanti ssottomettiet ukoll illi l-appellat irrinunzja għall-preskrizzjoni peress illi fix-xhieda tiegħu huwa qal dawn il-kliem :— "Jiena ma rrinunzjajtx għad-drittijiet li jistgħu jirriżultaw mill-likwidazzjoni ta' l-azjenda". Minn dina l-espressjoni l-appellanti qiegħda tigbed rinunzja ta' drittijiet; però hija ħaġa magħrufa illi min jagħmel rinunzja ta' drittijiet irid neċessarjament ikollu l-intenzjoni li jagħmel dik ir-rinunzja, sew għaliex dik l-intenzjoni turi ċar dik ir-rinunzja, jew inkella din tkun tidher b'mod mhux ekwivoku mill-espressjoni li tkun ġiet użata. Għall-kuntrarju, meta l-espressjoni tkun ambigwa, allura l-interpretazzjoni għandha tmur favur dak li kontra tiegħu tiġi akkampata

r-rinunzja. Issa minn dik l-espressjoni ma tistax tingibed dik ir-rinunzja (1) għaliex dan fix-xhieda tiegħu u fil-kontro-eżami evidentement ma kienx qiegħed jifhem għal fejn qiegħed jimmira d-difensur ta' l-appellanti b'dik id-domanda, għaliex kieku wisq probabilment kien jikkwalifika illi biha mhux qiegħed jirrinunzja għal xejn. Ċertament meta ġie lilu mistoqsi jekk huwa rrinunzjax għal xi drittijiet li jista' jkollu mill-likwidazzjoni, ir-risposta kellha neċessarjament tkun negativa, għaliex jekk għandha ssir il-likwidazzjoni, allura huwa jrid id-drittijiet tiegħu; (2) iżda billi jrid id-drittijiet tiegħu mhux vwoldiri illi huwa rrinunzja li jirribatti d-drittijiet ta' l-attriċi bi kwalunkwe mezz permess mill-liġi, u għalhekk anki per mezz talpreskrizzjoni; għaliex fi kwalunkwe każ, kif tajjeb irriteniet l-Ewwel Qorti, dik l-espressjoni hija tant ekwivoka li ma tista' qatt titqiegħed bħala bażi għar-rinunzja tal-preskrizzjoni;

Għal dawn ir-raġunijiet, salva r-riżerva fuq imsemmija u mingħajr preġudizzju tagħha;

Tirrespinġi l-appell ta' l-attriċi, u għalhekk tikkonferma s-sentenza li minnha hemm appell; u in vista taċ-ċirkustanzi tal-każ l-ispejjeż taż-żewġ istanzi fuq l-ewwel żewġ talbiet ma jkunux taxxati bejn il-partijiet, iżda d-dritt tar-reġistru jitħallas mill-appellanti; u l-ispejjeż fuq it-tielet talba jkunu kollha, u taż-żewġ istanzi, kontra l-attriċi appellanti.